MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 21/2012

**Carmelo Grech (923650 (M))**

**Raymond Grech (167258 (M))**

**Salvatore Grech (809655 (M))**

**Margaret Buttigieg (752760 (M))**

**George Grech (327153 (M)) u**

**Mary Grace Brown (764549 (M))**

**vs**

**Awtorita` ta' Djar,**

**Avukat Generali u**

**Giljan Abela**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors fl-ismijiet fuq indikati datat it-2 t'April, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi huma l-proprjetarji tal-fond numru 13, Triq il-Kantur, iz-Zejtun;

1.2. Illi qabel l-1974 il-fond indikat fil-paragrafu precedenti kien mikri mill-genituri ta' l-istess rikorrenti lil Dolores Bonavia;

1.3. Illi fiz-17 ta' Gunju, 1974, id-Dipartiment tad-Djar kien irrekwizizzjona l-fond *de quo* permezz t'ordni ta' rekwizizzjoni numru 32294;

1.4. Illi fl-istess gurnata indikata fil-paragrafu precedenti l-imsemmija Dolores Bonavia iddepozitat ic-cwievet tal-istess fond mad-Dipartiment fuq riferit u ddikjarat li kienet qed tirrinunzja ghal kull dritt ta' kera fil-konfront ta' l-istess fond;

1.5. Illi fit-30 t'Awwissu, 1974, il-fond *de quo* gie allokat lil Giljan Abela;

1.6. Illi fis-16 ta’ Novembru, 1974, gietipprezentata ittra ufficjali mid-Dipartiment tad-Djar biex jigi rikonoxxut bhala inkwilin l-imsemmi Giljan Abela;

1.7. Illi l-ittra ufficjali indikata fil-paragrafu precedenti kienet giet intavolata kontra Maria Theresa Grech, omm ir-rikorrenti;

1.8. Illi l-imsemmija Maria Theresa Grech ikkontestat l-imsemmija ittra ufficjali permezz ta’ proceduri appoziti *stante* li hi u membri tal-familja taghha, precizament ir-rikorrenti Carmelo Grech, kellhom bzonn l-istess fond;

1.9. Illi l-precedura fuq indikata kienet deciza fit-13 ta’ Jannar, 1975, mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, billi cahdet it-talbiet kollha attrici;

1.10. Illi fit-18 ta’ Frar, 1989, l-imsemmija Maria Theresa Grech ipprezentat ittra ufficjali kontra id-Dipartiment tad-Djar fejn interpellat lill-istess Dipartiment biex johrog Ordni ta’ Derekwizizzjoni fuq il-fond in dizamina;

1.11. Illi t-talba indikata fil-paragrafu precedenti giet rifjutata mid-Dipartiment *de quo*, *stante* li tali Ordni setghet tinharaeg biss meta l-fond in kwistjoni jkun vakanti;

1.12. Illi fit-22 ta’ Frar, 1989, l-istess Maria Theresa Grech u uliedha r-rikorrenti odjerni intavolaw rikors numru 408/89 kontra Giljan Abela, quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex jigu awtorizzati jirriprendu l-fond *de quo*;

1.13. Illi b’sentenza datata l-1 ta’ Lulju, 1993, il-Bord, *de quo* cahad it-talba indikata fil-paragrafu precedenti *stante* li dan ma

setghax jiehu konjizzjoni ta’ talbiet simili *stante* li il-fond in dizamina kien rekwizizzjonat;

1.14. Illi s-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti kienet ikkonfermata mill-Qorti ta’ l-Appell fis-27 t’April, 1996;

1.15. Illi l-istess familja Grech fuq indikata resqu talba ghal ritrattazzjoni mis-sentenza ta’ l-Appell *de* quo, liema talba giet michuda mill-Qorti ta’ l-Appell fit-8 ta’ Gunju, 1999;

1.16. Illi fil-31 ta’ Mejju, 2011, ir-rikorrenti kienu infurmati mill-Awtorita` tad-Djar li l-fond in dizamina kien gie derekwizizzjonat;

1.17. Illi tul dan l-*iter* fattwali kollu r-rikorrenti qatt m’accettaw kera minghand Giljan Abela;

1.18. Illi jirrizulta wkoll li r-rikorrenti qatt ma gew kompensati ghat-tehid tal-pussess tal-fond *de quo*;

1.19. Illi *nonostante* id-derekwizizzjoni fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt sittax, (1.16.), aktar qabel), ir-rikorrenti ghadhom spussessati mil-fond *de quo* u sallum, l-intimat Giljan Abela ghadu jabita fl-imsemmi fond;

1.20. Illi b’rizultat tal-ordni ta’ rekwizizzjoni fuq indikata, (ara paragrafu numru wiehed punt tlieta, (1.3.), aktar qabel), inkluz l-ispussessar tar-rikorrenti mill-proprjeta` taghhom, jivvjolaw id-drittijiet ta’ l-esponenti ghat-tgawdija tal-proprjeta` taghhom kif protetti mill-Ewwel Artiklu ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

1.21. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.21.1. Tiddikjara li bl-ordni ta' rekwizizzjoni in dizamina u bit-tehid tal-fond tar-rikorrenti numru 10, illum 13, Triq il-Kantur, iz-Zejtun, gew vjolati d-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti mill-Ewwel Artiklu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

1.21.2. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom jirrilaxxaw il-fond *de quo* liberu u frank f'idejn ir-rikorrenti;

1.21.3. Tillikwida kull kumpens lilhom dovut b'rizultat ta' l-okkupazzjoni tal-fond *de quo* u b'konsegwenza tal-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom fuq riferit;

1.21.4. Taghti kull ordni u rimedju iehor xieraq jew opportun biex tigi spurgata l-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom;

1.21.5. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta datata l-23 t'April, 2012, li permezz taghha l-Awtorita` tad-Djar irrispondiet sintetikament is-segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti:

2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti u l-premessi li fuqhom jistriehu, huma infondati:

2.2. Illi preliminarjament din il-qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha *ai termini* tal-*proviso* tal-artiklu 4(2) tal-Kap 319 *stante* li ma jirrizultax li r-rikorrenti ezawrew il-mezzi kollha disponibbli ghalihom;

2.3. Illi la tnehha l-ordni ta' rekwizizzjoni, ir-rikorrenti ghandhom rimedji ordinarji li jistghu jezercitaw kontra l-inkwilin;

2.4. Illi preliminarjament ukoll, peress li l-lanjanza odjerna tar-rikorrenti hi bbazata fuq l-allegat ksur tal-Protokoll Numru 1 tal-Konvenzjoni dwar il-Harsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, l-azzjoni odjerna hi inammissibbli *ratione temporis* fit-termini ta' l-artiklu 7 ta' l-att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta), li jipprovdi li l-ebda allegat ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali imwettaq qabel it-30 t'April, 1987 ma ghandu jaghti lok ghad-tehid t'azzjoni taht l-artiklu 4 ta' dak l-Att, u dan, *stante* li r-rekwizizzjoni numru 32294 tirrisali ghas-17 ta' Gunju, 1974;

2.5. Illi fil-mertu jigi rilevat is-segwenti:

2.5.1. Illi r-rikorrenti ghandhom jippruvaw li huma l-proprjetarji tal-fond in dizamina;

2.5.2. Illi r-rekwizizzjoni *de quo* u l-allokazzjoni in dizamina saru skont il-ligi u ma jivvjolaw l-ebda drittijiet fundamentali kif allegat;

2.5.3. Illi r-rikorrenti qed jabbuzaw mill-process kostituzzjonali billi qed juzaw procedura straordinarja meta kellhom ghad-disposizzjoni taghhom rimedju ordinarju biex jipprotegu d-drittijiet taghhom, senjatament, tramite kontestazzjoni t'eghmil amministrattiv taht il-poteri generali u residwali tal-qrati;

2.5.4. Illi ghalhekk din il-qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha *ai termini* ta' l-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-*proviso* ghall-artiklu 4(2) tal-

Kap 319 fuq riferit, *stante* l-ezistenza ta' mezzi ohra ordinarji ta' rimedju;

2.5.5. Illi l-ordni ta' rekwizizzjoni ma jikkostitwix "tehid" ta' propjeta` jew tehid ta' "pussess" ta' propjeta` izda hi biss mizura ta' kontroll ta' uzu tal-propjeta` fil-forma ta' detenzjoni temporanea fl-interess pubbliku;

2.5.6. Illi r-rekwizizzjoni, *stante* li ssir kontra pagament li s-sid jista` jikkontesta fil-Bord li Jirregola l-Kera u jista` wkoll jaccedi lill-Qorti ta' l-Appell, ma tiksirx l-Ewwel Artiklu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

2.5.7. Illi m'hemm xejn llegali fl-operat ta' l-Awtorita` rigward ir-rekwizizzjoni *de quo*;

2.5.8. Illi rekwizizzjoni tinhareg biex fond jinghata (kontra kumpens), lil min jinhtiegu u ghalhekk hu mezz ta' operat socjali kif inhareg fil-kaz odjern;

2.5.9. Illi anke jekk il-kumpens moghti lis-sid ma kienx adegwat, l-izgumbrament ta' Giljan Abela mhux rimedju legali jew gust;

2.5.10. Illi meta inhass li r-rekwizizzjoni ma kienitx aktar bzonjuza, Abela tnehha;

2.5.11. Illi ghalhekk, l-Awtorita` m'ghandha l-ebda setgha fuq il-post u ghalhekk, ma tistax tintavola proceduri biex tizgombra lill-akkupant Abela mill-imsemmi fond;

2.5.12. Illi gialadarba tnehha l-ordni ta' rekwizizzjoni in dizamina, ir-rikorrenti ghandhom jesploraw jekk l-okkupant ghandux xi titolu fuq l-imsemmi fond u jekk le, ghandhom jagixxu kif jidhrilhom xieraq fil-qrati ordinarji;

2.5.13. Illi l-ordni *de quo* sar skont il-ligi u qatt ma gie dikjarat li mar kontra id-drittijiet fundamentali;

2.5.14. Illi individwu ma jistax jinstab responsabbli ta' ksur ta' drittijiet fundamentali u ghalhekk, ir-rikorrenti ma jistghux jitolbu li l-ordni *de quo* jkun dikjarat null jew li l-intimat Abela jigi zgumbrat permezz ta' dawn il-proceduri;

2.5.15. Illi jekk ir-rikorrenti jidhrilhom li l-kumpens minnhom percepit mhux gust huma kellhom jadixxu l-qrati ordinarji u mhux il-Qorti Kostituzzjonali;

2.6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

2.7. Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.0 Rat ir-risposta datata t-23 t'April, 2012, li permezz taghha l-intimat Avukat Generali rrisponda sintetikament is-segwenti:

3.1. Illi *a tenur* ta' l-artiklu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur u ghandu ghalhekk jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3.2. Illi l-qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha *ai termini* tal-artiklu 4(2) tal-Kap 319 *stante* li mir-rikors promotur ma jirrizultax li r-rikorrenti ezawrixxa l-mezzi kollha ghad-disposizzjoni tieghu;

3.3. Illi la tnehha l-ordni ta' rekwizizzjoni ir-rikorrenti ghandhom rimedji ordinarji ohra ghad-dispozizzjoni taghhom fil-qrati civili u kontestazzjoni ta' l-eghmil amministrattiv taht il-poter generali u residwali tal-qrati;

3.4. Illi l-azzjoni odjerna hi inammissibbli *ratione temporis ai termini* ta' l-artiklu 7 tal-Kap 319 fuq gia` riferit, senjatament li l-ebda allegat ksur ta' Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet

Fundamentali imwettqa qabel it-30 t'April, 1987, m'ghandu jaghti lok ghat-tehid t'azzjoni taht l-artiklu 4 ta' dak l-Att peress li l-ordni in dizamina numru 32294 hu datat iz-17 ta' Gunju, 1974;

3.5. Illi fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati *stante*;

3.5.1. Illi r-rikorrenti ghandhom igibu prova li huma proprjetarji tal-fond in kwistjoni;

3.5.2. Illi l-hrug tal-ordni *de quo* u ta' l-allokazzjoni sussegwenti tal-fond *de quo*:

3.5.2.i. Saru skont il-ligi; u

3.5.2.ii. Ma jivvjolawx id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

3.5.3. Illi l-ordni *de quo* hi biss mizura ta' kontroll ta' uzu tal-proprjeta` fil-forma ta' detenzjoni temporanja fl-interess pubbliku;

3.5.4. Illi *stante* li rekwizizzjoni ssir kontra pagament li s-sid jista` jikkontesta quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u quddiem il-Qorti ta' l-Appell, id-drittijiet fundamentali rikjamati mir-rikorrenti ma jinkisrux;

3.5.5. Illi jirrizulta li nhareg ukoll l-Ordni ta' Derekwizizzjoni skont il-ligi;

3.6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

3.7. Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Rat ir-risposta datata t-23 ta’ Novembru, 2012, li permezz taghha l-intimat Abela irrisponda sintetikament bil-mod segwenti:

4.1. Illi l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati;

4.2. Illi preliminarjament:

4.2.1. Il-qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha kostituzzjonali *ai termini* tal-*proviso* tas-subinciz (2) tal-artiklu 4 tal-Kap 319 *stante* li ma jirrizultax li r-rikorrenti ezawrew il-mezzi kollha xierqa biex jirrimedjaw ghall-ksur minnhom allegat;

4.2.2. Ir-rikorrenti naqsu li jgibu prova li huma proprjetarji tal-fond *de quo*;

4.3. Illi r-rikorrenti mhux jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti mill-Kostituzzjoni ta’ Malta izda qed isostnu ksur tal-jeddijiet taghhom skont l-Ewwel Artiklu ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

4.4. Illi l-ordni ta’ rekwizizzjoni u l-allokazzjoni konsegwenzjali saru skont il-ligi;

4.5. Illi dawk ghalhekk saru b'gustizzja u ma jivvjolawx id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti minnhom rikjamati;

4.6. Illi jinhtieg jigi ezaminat bir-reqqa t-tieni (2) paragrafu ta' l-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokol biex ikun jista` jinghad li hemm ksur tad-dritt tutelat mill-istess, (ara sentenza tal-qorti ta' Strasburgu datata z-19 ta' Gunju, 2006, fl-ismijiet Hutten-Czapska vs Poland, (foll 54 *et sequitur)*;

4.7. Illi l-intimat Abela dejjem mexa skont il-ligi u onora l-obbligi tieghu;

4.8. Illi l-ordni ta' rekwizizzjoni *de quo* harget ghal skopijiet legittimi fl-interess pubbliku biex hu jkollu akkomodazzjoni xierqa;

4.9. Illi r-rikorrenti jridu jippruvaw:

4.9.1. X'inhuma l-interessi taghhom; u

4.9.2. B'liema mod sar l-allegat ksur tad-drittijiet taghhom bl-interverent ta' l-Istat;

4.10. Illi anke jekk il-kumpens moghti ma kienx adegwat l-izgumbrament ta' l-intimat Abela mhux rimedju gust u legali;

4.11. Illi rigward il-kumpens dekretat, jekk ir-rikorrenti jhossu li kien inadegwat kellhom jadixxu l-qrati ordinarja u mhux dik kostituzzjonali;

4.12. Illi r-rimedju mitlub mir-rikorrenti li l-qorti tordna r-rilaxx tal-fond *de quo* liberu u vojt favur ir-rikorrenti hu kkontestat *stante* li tali rimedju ma jilhaqx dak il-bilanc gust bejn it-talba tal-komunita` u r-rekwizit tal-protezzjoni dovuta ghad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu, (ara sentenza tal-qorti Strasburgu datata t-23 ta' Settembru, 1982, fl-ismijiet Sporrong and Lonnroth vs. Sweden (a foll 151 *et sequitur*);

4.13. Illi ghaldaqstant jitlob li t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur ghandhom jigu michuda;

4.14. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti;

5. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu, fuq talba ta' l-abbli rapprezentant legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 247);

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati in atti;

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata d-29 ta' Lulju, 2014, (ara foll 256); dik ta' l-Awtorita` intimata datata t-2 t'Ottubru, 2014, (ara foll 262); dik ta' l-intimat Avukat Generali datata s-16 t'Ottubru, 2014, (ara foll 272) u dik ta' l-intimat Giljan Abela datata t-18 ta' Dicembru, 2014, (ara foll 279);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod-segwenti:

9.1 Illi l-ordni ta' rekwizizzjoni meritu tal-istess li ggib in-numru 32294 inharget mill-awtorita` kompetenti fiz-17 ta' Gunju, 1974, (ara foll 207);

9.2. Illi l-ordni indikata fil-paragrafu precedenti inharget fuq Maria Theresa Grech, (ara foll 207), u fuq Dolores Bonavia, (ara foll 208);

9.3. Illi l-persuni li fuqhom inhareg l-ordni in dizamina indikata fil-paragrafu precedenti huma rispettivament is-sid u l-inkwilin, (ara foll 202 u 209);

9.4. Illi l-fuq imsemmija Dolores Bonavia irrinunzjat ghall-kera li kellha fil-fond in dizamina fiz-17 ta' Gunju, 1974, (ara foll 205 u 209), u dan, permezz ta' dikjarazzjoni appozita ffirmata minn Emmanuela Ellul ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsemmija Bonavia;

9.5. Illi d-data preciza meta d-Dipartiment tad-Djar ha pussess tac-cwievet tal-fond *de quo* minghand il-fuq imsemmija Dolores Bonavia hi wkoll iz-17 ta' Gunju, 1974, (ara foll 205 u 210);

9.6. Illi permezz t'ittra ufficjali datata iz-19 ta' Novembru, 1974, is-Segretarju tad-Djar kien interpella lil Maria Theresa Grech biex, bhala sid, tirrikonoxxi lill-intimat odjern Giljan Abela bhala inkwilin, (ara foll 211), li lilhu kien assenjat il-fond *de quo* fit-30 t'Awwissu, 1974, (ara foll 213);

9.7. Illi rizultat tal-istess, l-imsemmija Maria Theresa Grech intavolat proceduri legali fil-konfront tas-Segretarju tad-Djar biex tkun awtorizzata ma tirrikonoxxix lill-imsemmi Giljan Abela bhala inkwilin tal-fond in dizamina, (ara foll 212);

9.8. Illi s-sidien Grech proprjetarji tal-fond in dizamina oggezzjonaw ghall-allokazzjoni fuq riferita *stante* li l-fond *de quo* kien minnhom mehtieg ghal Margaret Grech li peress li kienet gharusa u in procinta li tizzewweg, kienet tinhtieg il-fond *de quo*, (ara foll 214 u 215);

9.9. Illi jirrizulta li kien hemm xi procedura ohra fil-Bord li Jirregola l-Kera, (ara foll 216);

9.10. Illi l-fond in dizamina gie derekwizizzjonat fil-31 ta' Mejju, 2011, *stante* li d-dipartiment ikkoncernat hass li l-fond *de quo* ma kienx jinhtieg aktar protezzjoni wara li kien effettwa *means test* ta' l-inkwilin prezenti Giljan Abela, (ara foll 203 u 206);

Ikkonsidrat:

10. Illi f'dan l-istadju jimmeritaw li jigu preliminarjament indirizzati il-kwistjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-intimati – li ghall-ekonomija tal-gudizzju u ghal l-finijiet ta' praticita`qed jittiehdu kumulattivament;

11.0. Illi senjatament dawn l-erbgha lanjanzi preliminari jistghu jkunu elenkati bil-mod segwenti:

11.1. Jekk l-intimat Avukat Generali hux legittimu kontradittur fl-atti odjerni;

11.2. Jekk ir-rimedji procedurali ghad-disposizzjoni tar-rikorrenti gewx ilkoll minnhom ezawriti qabel ghazlu li jintraprendu il-procedura odjerna;

11.3. Jekk l-azzjoni odjerna hix inammissibbli *ratione temporis*;

11.4. Jekk ir-rikorrenti humiex effettivament sidien tal-fond in dizamina;

Ikkunsidrat:

12.0. **Jekk l-intimat Avukat Generali hux legittimu kontradittur**:

12.1. Illi l-vertenza preliminari hawn sollevata hi rizolta b'riferenza ghall-artiklu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

12.2. Illi l-imsemmi artiklu jistabbilixxi s-segwenti:

> "(1) Il-Gvern ghandhu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni...

"(2) L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern";

12.3. Illi in vista tas-suespost meta tigi ezaminata l-procedura odjerna kif intavolata mir-rikorrenti ghandu jirrizulta pacifiku illi t-talbiet principali minnhom indirizzati huma facilment indirizzabbli lid-dipartiment in dizamina illum individwat bl-isem ta' l-Awtorita` tad-Djar;

12.4. Illi ghalhekk il-kap ta' l-istess Awtorita` hu sufficjenti biex iwiegeb ghall-lanjanzi sollevati mir-rikorrenti;

12.5. Illi in effetti r-rikorrenti la jattakkaw il-kostituzzjonalita` o meno ta' xi ligi partikolari u lanqas qed jitolbu xi dikjarazzjoni ta' inkostituzzjonalita` ta' xi artiklu legali partilolari;

12.6. Illi kull ma jirrizulta fl-azzjoni odjerna hi li minhabba d-dikjarazzjoni ta' rikwizizzjoni esperita fil-konfront tal-av taghhom, qed jittentaw xortihom biex jippruvaw jottjenu xi ammont ta' flus kagun tal-istess rekwizizzjoni;

12.7. Illi ghalhekk l-intimat Avukat Generali jirrizulta estraneu ghall-vertenza u r-rimedju jista` facilment jigi rinfaccat mill-Kap ta' l-Awtorita` tad-Djar skont il-ligi;

12.8. Illi ghandu wkoll jinghad li effettivament l-ordni ta' rekwizizzjoni in dizamina bin-numru 32294 inhareg regolarment fis-17 ta' Gunju, 1974, (ara foll 207), u gie sussegwentement direkwizizzjonat fil-31 ta' Mejju, 2011, (ara foll 203 u 206);

12.9. Illi ghalhekk, *stante* li l-kwistjoni tista tkun facilment arginata b'riferenza lill-Awtorita` tad-Djar, il-posizzjoni tal-intimat Avukat Generali f'din il-procedura hi ghal kollox superflua *ai fini tal*-imsemmi artiklu 181B tal-Kap 12 fuq riferit u konsegwentement, anke in vista tad-decizjonijiet citati mill-abbli rapprezentant legali tal-imsemmi intimat fin-nota tieghu, (ara foll 273), tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju;

12.10. Illi l-ispejjez ta' dan il-kap preliminari huma a karigu tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

13.0. **Jekk ir-rikorrenti ezawrewx ir-rimedji ordinarji**:

13.1. Illi ghandu jkun pacifiku li l-istat ta' fatt riskontrat jista` jigi sintetikament elenkat bil-mod segwenti:

13.1.1. Illi l-fond *de quo* kien regolarment rekwizizzjonat b'ordni appozitu mahrug fiz-17 ta' Gunju, 1974, li jgib in-numru 32294, (ara foll 207);

13.1.2. Illi l-inkwilina fil-fond *de quo* fil-mument tar-rekwizizzjoni indikata fil-paragrafu precedenti irrilaxxat ic-cwievet fid-dipartiment kkoncernat fis-17 ta' Gunju, 1974, (ara foll 205 u 210);

13.1.3. Illi sussegwentement l-istess fond, konsistenti f'zewgt (2) tikmamar, (ara foll 210), kien assenjat lill-intimat Giljan Abela fit-30 t'Awwissu, 1974, (ara foll 213);

13.1.4. Illi s-sid tal-istess fond kienet interpellata permezz t'ittra ufficjali datata iz-19 ta' Novembru, 1974, biex tirrikonoxxi lill-istess intimat Abela indikat fil-paragrafu precedenti bhala inkwilin, (ara foll 211);

13.1.5. Illi wara li rrifjutat l-intimazzjoni tas-Segretarju tad-Djar datata z-19 ta' Novembru, 1974, biex tirrikonoxxi lill-intimat Abela bhala inkwilin, (ara foll 211), is-sid intavolat procedura biex tikkontesta l-istess liema procedura giet deciza *in prim'istanza* fit-13 ta' Jannar, 1975, (ara foll 9);

13.1.6. Illi wara li l-istess sid intavolat procedura biex tikkontesta l-kera assenjata ta' ghaxar Liri Maltin, (Lm10.00), annwi fil-Bord tal-Kera is-sentenza tal-istess Bord datata l-1 ta' Lulju, 1993, kienet deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 1996, (ara foll 11), li kkonfermat id-decizjoni ta' l-imsemmi Bord;

13.1.7. Illi l-imsemmija decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell giet ritrattata u deciza fit-8 ta' Gunju, 1999, (ara foll 20), fejn it-talba ghar-ritrattazzjoni giet respinta;

13.1.8. Illi wara dan kollu il-fond *de quo* gie derekwizizzjonat permezz ta' ordni

appozita datata l-31 ta' Mejju, 2011, (ara foll 203 u 206);

13.1.9. Illi nonostante li issa l-proprjeta` ghalhekk irrevertiet f'idejn ir-rikorrenti, jirrizulta li l-intimat Giljan Abela ghadu jirrisjedi fil-fond meritu ta' din il-procedura;

13.1.10. Illi ma jirrizultax li r-rikorrenti, muniti issa bid-dokument ta' derekwizizzjoni u bil-fatt li qatt ma irrikonoxxew lill-intimat Abela bhala inkwilin, intavolaw xi procedura appozita` biex ghalhekk jizgumbraw lill-istess intimat hawn indikat;

13.1.11. Illi l-ezawriment tar-rimedji kollha ordinarji hu rekwizit *sine quo non* stabbilit mill-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif rifless verbatim fl-artiklu 4(2) tal-Kap 319 fuq riferit;

13.1.12. Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti qed jippekkaw fl-ghazla taghhom tar-rimedji procedurali minnhom maghzula u jidhru li minflok, kif dovut, intavolaw procedura biex jizgumbraw lill-intimat Abela miz-zewgt (2) ikmamar in dizamina, ghazlu li jittantaw xortihom fi procedura ta' natura kostituzzjonali fejn ir-rimedju hu possibilment ta' valur ferm u ferm akbar;

13.1.13. Illi fl-istat prezenti ghandu jkun pacifiku li l-intimat Abela qieghed jokkupa l-fond *de quo* minghajr ma hu tutelat mill-ligi biex jokkupa tali posizzjoni privileggjata;

13.1.14. Illi ghalhekk jirrizulta li n-nuqqas t'azzjoni tar-rikorrenti li jindirizzaw din is-sitwazzjoni awtomatikament testromettihom mill-fakulta` li jintraprendu b'success il-vertenza odjerna;

13.1.15. Illi ghalhekk, il-procedura straordinarja intrapriza mir-rikorrenti ma tirrizultax li giet debitament intrapriza wara li r-rimedji ordinarji kollha – inkluz l-izgumbrament ta' Abela kif fuq indikat – gie intrapriz;

13.1.16. Illi in vista tal-premess, u fid-dawl tal-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni u ta' l-artiklu 4(2) tal-Kap 319 fuq riferiti, tiddikjara li hi sodisfatta li r-rikorrenti ghad ghandhom mezzi ohra xierqa ta' rimedju disponibbli ghalihom u konsegwentement, tiddikjara li tiddeklina li tezercita` s-setghat taghha fir-rigward kif mitluba;

Ikkunsidrat:

14.0. **Jekk l-azzjoni odjerna hix inamissibbli *ratione temporis***:

14.1. Illi ghandu jkun pacifiku li fl-essenzjalita` taghha l-indirizz adoperat mir-rikorrenti meta intraprendew il-procedura odjerna hu dak naxxenti mill-vertenza Kostituzzjonali rigwardanti l-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali minnhom indirizzati;

14.2. Illi tenut kont ta' dan l-arginar tal-vertenza mill-istess rikorrenti, il-perjodu operattiv ghandu pacifikament ikun dak naxxenti mill-ordni originali ta' rekwizizzjoni li allura ikkristallizza l-vertenza temporanjament fiz-17 ta' Gunju, 1974, meta inhareg, (ara foll 208)

14.3. Illi f'dan ir-rigward id-disposizzjoni transitorja inkluza fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta tistabbilixxi perentorjament is-segwenti:

(7) "Ebda ksur tal-Artiklu 2 sa 18 (inkluzi) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikli 1 sa 3 (inkluzi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April, 1987... ma ghandux jaghti lok ghal xi azzjoni taht l-artiklu 4";

14.4. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-ebda allegat ksur ta' drittijiet tal-Bniedem kif elenkat fil-Kostituzzjoni ta' Malta, fil-Konvenzjoni Ewropea u fil-Protokolli maghha annessi, u finalment fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jaghti lok ghal azzjoni appozita fuq riferita;

14.5. Illi l-kaz odjern hawn in dizamina jinkwadra fl-imsemmija disposizzjoni transitorja fuq indikata, (ara paragrafu numru erbghatax punt tlieta, (14.3.), aktar qabel), *stante* li l-*punctum temporis* involut – iz-17 ta' Gunju, 1974 – (ara paragrafu numru erbghatax punt tnejn, (14.2.), aktar qabel), mhux sufragat mid-disposizzjoni transitorja *de quo*;

14.6. Illi konsegwenza tas-suespost, l-azzjoni odjerna hi inammissibbli *ratione temporis*;

Ikkunsidrat:

15.0. **Jekk ir-rikorrenti humiex effettivament is-sidien tal-fond *de quo***:

15.1. Illi jirrizulta pacifiku li r-rikorrenti hassew li kellhom jintavolaw il-procedura odjerna *stante* li jhossuhom sodi fil-fehma taghhom li huma is-sidien involuti *stante* li qed jivvendikaw din il-posizzjoni taghhom bhala ulied il-genituri taghhom, Maria Theresa u Giobatta konjugi Grech;

15.2. Illi l-uniku prova intavolata mir-rikorrenti fir-rigward hi dikjarazzjoni *causa mortis* datata t-12 ta' Lulju, 2005, *in atti* tan-Nutar Dottor Vanessa Pool, (ara foll 5);

15.3. Illi jirrizulta minn ezami ta' l-istess dikjarazzjoni li ghalkemm gew hemm indikati xi proprjetajiet, dak effettivament meritu ta' din il-procedura, il-fond 10 jew 13, Triq il-Kantur, iz-Zejtun, ma jirrizulta l-ebda accenn ghall-istess ghalkemm hemm referenza ghall-proprjeta` adjacenti fi kwoti ta' nofs (1/2) indiviz ta' hames sesti (5/6) – u mhux fl-interezza tal-istess;

15.4. Illi ghalhekk fir-rigward tal-fond veru u proprju meritu tal-vertenza odjerna dak allegat mir-rikorrenti li huma s-sidien tal-istess ma jirrizultax suffragat minnhom;

15.5. Illi in effetti, kif jissottolinja l-intimat Avukat Generali fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-fatt li l-ordni ta' rekwizizzjoni giet notifikata lill-omm ir-rikorrenti ma

tikkostitwixxix weheda, prova ta' titolu kif allegat mir-rikorrenti;

15.6. Illi kieku ghal grazzja ta' l-argument dan allegat fil-paragrafu precedenti kien minnu, allura Dolores Bonavia, li wkoll giet notifikata bl-istess ordni ta' rekwizizzjoni, (ara foll 208), allura tikkwalifika wkoll bhala sid – haga li ma tistax tigi suffragata;

15.7. Illi fid-dawl tas-suespost, din ir-risposta preliminari sollevata mill-intimat Avukat Generali qed tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi tenut kont tas-suespost ghandu issa sintetikament jinghad is-segwenti fir-rigward tal-mertu sollevat mir-rikorrenti:

16.1. Illi l-istat prezenti tar-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimat Abela hu li:

16.1.1. Ir-rikorrenti qed jallegaw li huma s-sid tal-fond in meritu, u dan, bil-problematika fuq riferita;

16.1.2. L-intimat Abela ghadu jokkupa l-imsemmi fond meta fil-prezent m'ghadux protett u suffragat mill-ligi;

16.2. Illi l-iter kollu tas-saga kif fuq gia` ampjament deskritt ma jirrizultax li hemm xi vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif minnhom allegat;

16.3. Illi ghandu jkun pacifiku li ordni ta' rekwizizzjoni, ezercitat skont il-ligi, hi effettivament mizura socjali necessarja intiza ghall-kontroll tal-uzu tal-proprjeta` f'forma ta' detenzjoni temporanja fl-interess pubbliku;

16.4. Illi ghandu jinghad li ghalkemm l-istess allokazzjoni wara tali rekwizizzjoni tinvolvi pagament ta' *canone* lis-sid ipprivat mill-proprjeta` tieghu, tali *canone* jirrizulta li fil-parti l-kbira taghhom kien irrizorju u offensiv;

16.5. Illi nonostante cio`, ir-rikorrenti llum jistghu facilment jezercitaw id-drittijiet ordinarji fir-rigward, li jirrizulta li minflok ghazlu li jittraskuraw;

16.6. Illi *di piu`*, ir-rikorrenti naqqsu li jippruvaw skont il-ligi dak minnhom allegat f'dan ir-rigward;

Ikkunsidrat:

17. Illi in vista tal-premess l-ebda kumpens ma jirrizulta dovut;

**DECIDE:**

18.0. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti ppruvaw it-talbiet minnhom inoltrati permezz ta’ din il-procedura, u konsegwentement:

18.1. Filwaqt li allura tirrespingi it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

18.2. Takkolji r-risposti kollha tal-intimati fuq indikati;

18.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------